MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2014

Numru. 690/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Michael Zammit**

**Anthony Zammit**

**Kumpilazzjoni Nru: 690/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Michael Zammit**, ta’ 61 sena, bin Salvu u Jane nee’ Apap, imwieled Xaghra, Ghawdex, fid-19 ta’ Settembru, 1951 u residenti f’Mike Mary, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 64051(G); u

**Anthony Zammit**, ta’ 56 sena, bin Salvu u Jane nee’ Apap, imwieled Xaghra, Ghawdex, fl-10 ta’ Frar, 1957 u residenti fil-fond numru 6, Triq tal-Golf, Ghawdex, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 8757(G).

Akkuzati talli nhar il-Hamis, 27 ta’ Gunju, 2013 u fil-granet ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer

1. Bhala diretturi tal-Kumpanija Go Fuels, numru ta’ registrazzjoni C 54064 u/jew bhala s-sidien tal-flus in kwistjoni, naqsu li jiddikkjaraw lill-Kontrollur tad-Dwana li kienu se johorgu minn Malta jew mill-ibhra territorjali Maltin l-ammont ta’ €530,000 fi flus kontanti permezz tal-lanca bl-isem ta’ Sea Storm bin-numru IMO 12521, bi ksur ta’ Artikolu 3 tal-Avviz Legali 149 tal-2007 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta’ Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta’ Malta);
2. Irrendew ruhhom komplici fl-esekuzzjoni ta’ delitt meta taw istruzzjonijiet biex isir dan id-delitt;
3. U aktar talli fornew l-ghodod jew mezzi ohra biex isir dan id-delitt.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, ossia multa ta’ 25% tal-ammont li jeccedi l-€10,000 a tenur tar-regolament 4 tal-LS 233.07, tordna wkoll il-konfiska tal-ammont li jeccedi l-€10,000 a favur il-Gvern ta’ Malta, a tenur tar-regolament 5 tal-LS 233.07.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 42(a) u 42(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3 ta' l-Avviz Legali 149 tas-sena 2007.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati amettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi konsiderazzjonijiet x'isiru.

Illi jibda biex jinghad li r-Regolament 3(4) ta'l-Avviz Legali 149 tas-sena 2007 jipprovdi li

> *Persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jew li ma twettaqx l-obbligu li tiddikjara somma bħal dik skont is-subregolament (2), tkun ħatja ta' reat u* ***tista', meta tinsab ħatja, teħel***[1] *multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur, f'munita Maltija fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta jew meta tkun għaddejja fi transitu minn Malta, tal-flus li jkunu qegħdin jinġarru, imma f'kull każ dik il-multa ma għandiex tkun teċċedi sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€46,587.47).*

Illi mbaghad r-Regolament 3(5) ta'l-istess Avviz Legali jipprovdi li

> ***Barra mill-piena li tista' tagħti*** *lil persuna misjuba ħatja ta' reat taħt is-subregolament (4),* ***il-qorti għandha tordna l-konfiska***[2] *favur il-Gvern tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu €10,000 jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli.*

Illi jidher car mit-test ta' dawn id-dispozizzjonijiet, u b'mod partikolari b'l-uzu tal-kelma "*tista*" fis-subregolament (4) kif kontrapposta ma'l-uzu tal-kelma "*ghandha*" fis-subregolament (5), li fil-waqt li l-konfiska kontemplata fis-subregoament (5) hija tassattiva u l-Qorti (f'kaz ta'htija) m'ghandhiex diskrezzjoni fir-rigward, f'l-impozizzjoni tal-multa l-Qorti ghandha diskrezzjoni ghaliex ai termini tas-subregolament 4 l-Qorti **tista'** timponi l-multa hemm indikata li pero m'ghandhiex teccedi €46,587.47.

[1] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.
[2] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

Illi tenut kont li l-imputazzjonijiet odjerni gew addebietati lill-imputati fil-kwalita taghhom ta' diretturi tas-socjeta Go Fuels, u tenut kont li l-flus mhux dikjarati kienu jappertjenu lil din imsemmija socjeta; tenut kont ukoll tal-koperazzjoni ta'l-imputati mal-pulizija u l-ammissjoni taghhom f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali taghhom, il-Qorti hija tal-fehma li minbarra l-konfiska tassattiva ta' dak l-ammont li jeccedi €10,000 ghandha timponi multa f'l-ammont ta' €23,293.73 fil-konfront ta' kull wiehed mill-imputati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara, li rat l-artikoli 42(a) u 42(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3 ta' l-Avviz Legali 149 tas-sena 2007, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundanna lil kull wiehed minnhom multa ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73); in oltre qed tordna l-konfiska tas-somma ta' hames mija u ghoxrin elf Euro (€520,000) (esbeiti formalment) favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------